TAL-PIETA`

# MINUTI

## Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 11

L-Erbgha, 7 ta' Mejju, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi, u l-Kunsillieri Colin Bowman, Ryan Douglas Tanti, Josef Fitzpatrick, Charles Grech u Mark Pisani.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

*1.1* Il-minuti tas-Seduta Nru. 10 li saret nhar l-Erbgha, 2 ta' April, 2025, kienu approvati.

## 2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

*2.1* Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

## 3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

*3.1* **cctv fi Pjazza Madonna ta' Fatima**: Il-Kunsillier Grech qal li fis-seduta li ghaddiet huwa kien talab li jingiebu tliet kwotazzjonijiet ghal dawn il-cameras. Fl-istess seduta intqal ukoll li ma kienx hemm ghalfejn tliet kwotazzjonijiet ghax kien fl-ammont ta' direct order. Is-Sindku informa wkoll li l-modem ma' din il-cctv kien installat u kif jehlu it-tabelli mehtiega, dawn jibdew jahdmu.

*3.2* **Hsara fit-tarmac ta' Triq Zammit Clapp**: Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dwar dan hu kien ghamel rapport l-ghassa tal-Hamrun. Sadanittant, il-Kunsill irċieva minn Infrastructure Malta x ghandu jsir biex din il-hsara titranġa. Ser isir meeting mal-kuntrattur tal-iskip li ghamel il-grif fit-tarmac fil-granet li gejjin.

## 4 AUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2024

*4.1* Tressqu quddiem il-Kunsill l-Audited Financial Statements ghas-sena 2024 (Appendici A). Wara li saru xi aggustamenti mill-awdituri, il-Kunsill approva b'mod unanimu dawn il-Financial Statements.

## 5 QUARTERLY FINANCIAL REPORT JAN-MAR 25

*5.1* Tressaq quddiem il-Kunsill il-Quarterly Financial Report ghal perjodu Jan-Mar 25. Is-Segretarju Ezekuttiv ta' spjega ta' dan ir-rapport. Gie nnuttat il-fatt li fl-ewwel kwart, il-Kunsill kien irreġistra surplus ta' €34,015 u li n-net current assets tal-Kunsill sal-ahhar ta' Marzu kien €63,131.

Is-Sindku, ssekondat mill-Vici Sindku, ppropona li dan id-dokument jigi approvat. (Appendici B) Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport.

## 6 KORRISPONDENZA

*6.1* Tressqet quddiem il-Kunsill, ittra ta' ringrazzjament minn YMCA ghal gbir ta' ikel u affarijiet ohra li sar mill-Kunsill u li nghataw donazzjoni lill-istess NGO.

## 7 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

*7.1* **Ambjent Malta, Torpedo Depot**: Is-Sindku informa li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien iltaqa' ma' uffiċjali ta' Ambjent Malta dwar il-manutenzjoni ta' dan il-gnien wara li jitlesta x-xoghol fih mill-GHRC. Ambjent Malta infurmaw lill-Kunsill li huma ma kenux jistghu ikomplu jiehdu hsiebu ghax mhux taht ir-remit taghhom. Kien hemm qbil li se jkomplu jiehdu hsiebu sal-ahhar tas-sena, u wara jidhol il-Kunsill ghaz-zamma tieghu. Waqt dan il-meeting, il-Kunsill gie infurmat li irid jinġieb bowser ġurnata iva u ġurnata le u din ser tkun spiża ghall-Kunsill. Is-Sindku informa li kien infurmat mill-GHRC li kienu ser ilestu platform u wara l-Kunsill ghandu jqieghed tank sabiex minnu ssir tisqija alternattiva. Fil-granet li gejjin, Ambjent Malta ser tghaddi lill-Kunsill il-BOQ's neċessarji ghaz-zamma u manutenzjoni tal-gnien u b'hekk il-Kunsill ikollu idea tal-ispejjez involuti.

*7.2* **Project Green, Playingfield**: Is-Sindku informa li bhalissa il-Bord tal-Ghazla wasal fit-tieni fażi tal-evalwazzjoni u cioe` fit-Technical Evaluation.

*7.3* **ERA**: Is-Sindku informa li l-ispezzjonijiet mill-ERA kienu żdiedu fil-lokal. Il-Kunsillier Pisani semma Triq Santa Monika k/m Triq Hookham bhala post li ghandu jiġi osservat filwaqt li l-Kunsillier Grech semma Pjazza Madonna ta' Fatima kif ukoll quddiem ic-cimiterju fi Triq id-Duluri, il-Hadd filghaxija, bhala postijiet li qed johorgu l-iskart mhux fil-hin u ġurnata t-tajba.

## 8 MISTOQSIJIET

*8.1* Il-Kunsillier Pisani staqsa jekk il-Kunsill hux se jissussidja it-trasport ghal harga ghal Ghawdex lill-anzjani, kif isir kull sena. Kien hemm qbil unanimu li din is-sena jerga' jsir l-istess u dan b'koordinament ma' Mary Polidano.

*8.2* Il-Kunsillier Grech tkellem dwar il-battrey tal-electric van u qal li din ghandha tinbidel jekk hemm bżonn. Is-Sindku wieġeb li l-van se jkun qed jidhol ghat-tiswija u ghandhom jaghtuna informazzjoni dwar il-battrey.

*8.3* Il-Kunsillier Grech qal li minn Triq Zammit Clapp kien tnehha hafna mill-haxix iżda fadal ftit f'certu partijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dak li fadal huwa responsabbiltà tal-isptar ghax meta l-haddiema marru biex jaqtghuh, hareg xi hadd ikellimhom.

## 9 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

*9.1* Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 10. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

## 10. TMIEM

***10.1*** Fis-6.30pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 3 ta' Gunju, 2025, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Stefano Savo
Sindku